

## Digriet tal-Qorti Ġeneral ta' Ġunju 2021 – Silver et vs Il-Kunsill

(Kawża T-252/20)<sup>(1)</sup>

*("Rikors għal annullament – Spazju ta' libertà, sigurt u ġustizzja – Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u mill-Euratom – Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ – Ċittadini tar-Renju Unit – Telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni – Nuqqas ta' inċidenza individwali – Att mhux regulatorju – Inammissibbiltà")*

(2021/C 310/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Joshua Silver (Bicester, ir-Renju Unit) u s-6 rikorrenti l-oħrajin li isimhom jidher fl-annej tad-digriet (rappreżentanti: P. Tridimas, barrister, D. Harrison u A. von Westernhagen, solicitors)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer, R. Meyer u J. Ciantar, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Britanija u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2020, L 29, p. 1).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tal-Kummissjoni Ewropea, ta' British in Europe, ta' Plaid Cymru – The Party of Wales, ta' European Democracy Lab, ta' ECIT u ta' European Alternatives Ltd.
- 3) Joshua Silver u r-rikorrenti l-oħrajin li isimhom jidher fl-Anness huma kkundannati jbatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk imġarrba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċeżżjoni ta' dawk relatati mat-talbiet għal intervent.
- 4) J. Silver u r-rikorrenti l-oħrajin li isimhom jidher fl-Anness, il-Kunsill, il-Kummissjoni, British in Europe, Plaid Cymru – The Party of Wales, European Democracy Lab, ECIT u European Alternatives Ltd għandhom kollha jbatu l-ispejjeż relatati mat-talbiet għal intervent.

<sup>(1)</sup> ĠU C 215, 29.6.2020.

## Digriet tal-Qorti Ġeneral tas-16 ta' Ġunju 2021 – Sony Interactive Entertainment Europe vs EUIPO – Huawei Technologies (GT8)

(Kawża T-420/20)<sup>(1)</sup>

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea GT8 – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea précédent GT – Raġuni relativa għal rifjut – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament 2017/1001) – Pubbliku rilevanti – Livell ta' attenzjoni – Rikors manifestament fondat")*

(2021/C 310/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Sony Interactive Entertainment Europe Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, u M. Maier, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. O'Neill u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Huawei Technologies Co. Ltd (Shenzhen, iċ-Ċina)

### Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' April 2020 (Każ R 1611/2019-4), proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Sony Interactive Entertainment Europe u Huawei Technologies.

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), tal-24 ta' April 2020 (Każ R 1611/2019-4) hija annullata.
- 2) L-EUIPO huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll għal dawk sostnuti minn Sony Interactive Entertainment Europe Ltd.

(<sup>1</sup>) ĠU C 287, 31.8.2020.

---

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' ġunju 2021 – Sony Interactive Entertainment Europe vs EUIPO – Huawei Technologies (GT3)

(Kawża T-421/20) (<sup>1</sup>)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea GT3 – Trade mark figurattiva précédenti tal-Unjoni Ewropea GT – Raġuni relativa għal rifjut – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament 2017/1001) – Pubbliku rilevanti – Livell ta' attenzjoni – Rikors manifestament fondat")

(2021/C 310/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: Sony Interactive Entertainment Europe Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, u M. Maier, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. O'Neill u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Huawei Technologies Co. Ltd (Shenzhen, iċ-Ċina)

### Suġġett

Rikors ippreżzentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' April 2020 (Każ R 1609/2019-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Sony Interactive Entertainment Europe u Huawei Technologies.

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-24 ta' April 2020 (Każ R 1609/2019-4) hija annullata.
- 2) L-EUIPO hija kkundannata għall-ispejjeż kif ukoll għal dawk sostnuti minn Sony Interactive Entertainment Europe Ltd.

(<sup>1</sup>) ĠU C 287, 31.8.2020.